GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR252110 | 26.11.2025 | 3 |
| --- | --- | --- |

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

Illum, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, iltaqa' mal-Membru Malti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Dr George Hyzler, fi żjara ta' kortesija fil-bini tal-Parlament.

Matul il-laqgħa, Dr Hyzler ippreżenta lill-Ispeaker kopja tar-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena 2024.

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati esprima l-apprezzament tiegħu għall-ħidma ta' Dr Hyzler fil-qafas tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tal-governanza u t-trasparenza fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Hu żied jgħid li r-rapport se jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati waqt is-seduta tal-lum.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt